MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2005

Numru 169/2004/0

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmen Said**
**George Said**
**Joseph Said**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmen Said, George Said u Joseph Said talli bil-lejl fit-12.7.98 ghall-habta tas-1.10am, 1.45am, 3.30am u 4.45am Carmen Said li f'isimha ghandha l-licenza tal-Pulizija sabiex izzomm La Grotta Discoteque fi Triq Xlendi, Munxar, u George Said u Joseph Said, persuni li f'idejhom ghandhom it-tmexxija ta' l-isemmija diskoteka, (1) bil-lejl kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes u muzika tad-disco b'volum gholi mill-istess discotheque, (2) aktar talli kisru l-kundizzjonijiet li ghandhom fil-licenza billi dejqu n-nies bi storbju;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-28 ta’ Lulju 2004 li permezz taghha dik il-qorti, wara li ghamlet referenza ghall-Artikoli 338(m) tal-Kap. 9 u 318 tal-Kap. 10, sabet lill-imsemmija Carmen Said, George Said u Joseph Said hatja u kkundannathom ammenda ta’ hamsa u ghoxrin lira (Lm25) kull wiehed;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Carmen Said, George Said u Joseph Said minnhom pprezentat fit-12 ta’ Awissu 2004 li permezz tieghu talbu r-revoka ta’ l-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Fl-udjenza tal-10 ta’ Settembru 2004 l-appellanti, permezz tad-difensur taghhom l-Avukat Dott. Vincent Galea, irtiraw u cedew l-ewwel aggravju taghhom u cioe` dwar in-nullita` tal-sentenza appellata. Fl-udjenza tal-5 ta’ Novembru 2004 l-appellanti eccepew il-preskrizzjoni trimestrali u dan, fi kliem il-verbal stess, “peress illi f’aktar minn okkazjoni wahda ghaddew aktar minn tliet xhur bejn notifika u ohra”. Fl-udjenza tal-21 ta’ Jannar 2005 l-appell gie differit ghas-sentenza. Hu evidenti li l-ewwel li trid tigi deciza hija l-pregudizzjali tal-preskrizzjoni.

Ghandu jinghad a propositu li bl-emenda introdotta fl-Artikolu 687 tal-Kodici Kriminali b’effett mill-1 ta’ Mejju 2002, ir-regim tal-preskrizzjoni fil-kawzi penali tbiddel radikalment. B’effett tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu, illum il-preskrizzjoni hija sospiza “mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta’ akkuza jigu notifikati lill-persuna akkuzata jew imputata sa dak iz-zmien meta tinghata sentenza finali u definittiva fil-procedimenti li jkunu inbdew bhala rizultat ta’ dik l-imputazzjoni jew att ta’ akkuza”. Din il-Qorti ma tarax il-htiega li tidhol fil-kwistjoni ta’ jekk din id-disposizzjoni l-gidia – cioe` s-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 687 – ghandux japplika jew le ghall-kawzi kollha li kienu pendenti fl-1 ta’ Mejju 2002 – dak li hu cert hu li jekk <u>qabel</u> l-1 ta’ Mejju 2002 l-azzjoni waqghet bi preskrizzjoni

skond ir-regoli allura fis-sehh, din id-disposizzjoni l-gdida ma setax ikollha l-effett li tirravviva l-azzjoni (ara a propositu s-sentenza ta' din il-Qorti tal-21 ta' Jannar 2005 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Lewis Cordina***). Jinghad ukoll li ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li f'dan il-kaz l-imputazzjonijiet jipotizzaw reati li huma ta' natura kontravvenzjonali b'mod li japplika l-paragrafu (f) ta' l-Artikolu 688 tal-Kap. 9, cioe` l-preskrizzjoni ta' tlett xhur.

Issa, minn ezami tal-verbali u tal-atti kollha kif ukoll minn ezami tar-riferti ezibiti mill-prosekuzzjoni fl-istadju ta' appell u wara li nghatat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, jirrizulta, fir-rigwarda ta' Carmen Said, li bejn meta l-appellanti dehru quddiem l-ewwel qorti fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2000 sa meta regghu dehru darb' ohra fl-1 ta' Novembru 2000 hija giet notifikata b'att interruttiv tal-preskrizzjoni tlett darbiet: fil-25 ta' Marzu 2000, fis-<u>27 ta' Mejju 2000</u> u fid-<u>29 ta' Settembru 2000</u>. Hu evidenti li bejn dawn l-ahhar zewg notifiki kien hemm trapass ta' aktar minn tlett xhur, u ghalhekk l-azzjoni waqghet preskritta. Fil-konfront ta' George Said jirrizulta li bejn meta huwa deher fl-udjenza tas-16 ta' Gunju 1999 sa ma rega' deher fl-udjenza tas-17 ta' Novembru 1999 huwa gie notifikat b'zewg atti interruttivi tal-preskrizzjoni: fid-<u>9 ta' Lulju 1999</u> (riferta MS 45) u fil-<u>21 ta' Ottubru 1999</u> (riferta MS 48). Kien hemm ghalhekk trapass ta' aktar minn tlett xhur. Kwantu ghal Joseph Said, dan, bhal Carmen Said, bejn li deher fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2000 sa ma rega' deher fl-udjenza ta' l-1 ta' Novembru 2000 gie notifikat b'att interruttiv tal-preskrizzjoni tlett darbiet: fil-25 ta' Marzu 2000 (riferti MS 54 sa MS 58), fis-<u>27 ta' Mejju 2000</u> (MS 59 u 59A) u fid-<u>29 ta' Settembru 2000</u> (MS 62) – anke hawn ghandna trapass ta' aktar minn tlett xhur.

Ghall-motivi premessi, tiqla' l-pregudizzjali sollevata mill-appellanti u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lit-tlett appellanti minn kull imputazzjoni u htija minhabba l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kif fuq inghad.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------